# RABTA BEJN IL-METAFORA U FOROM OĦRAJN TA' TAĦDIT FIGURATTIV

*Josette Attard*

Il-metafora hija figura tat-taħdit li tqabbel kelma jew frażi ma' xi ħaġa li fil-verità tal-ħajja normali u skond il-loġika ftit li xejn ikollha x'taqsam magħha. Ix-xebh moħbi li fiha l-metafora jitfisser bis-saħħa ta' assoċjazzjoni. Iżda l-metafora hi differenti mit-*tixbiha* għax filwaqt li din ta' l-aħħar tagħmel użu minn kliem *bħal, qisu, daqs*, u tħalli jidher il-paragun, fil-metafora, għalkemm hemm xebh dirett, il-paragun hu moħbi u ma jsirx użu mill-kliem li semmejt. *Niżel bħall-vleġġa, iebes daqs iż-żonqor,* m'humiex metafori iżda huma tixbihat.

Fir-*Retorika* Aristotli qal li d-differenza bejn it-tixbiha u l-metafora hi żgħira għax nistgħu ngħidu li t-tixbiha hi metafora bi spjegazzjoni miftuħa tar-rapport bejn żewġ oġġetti. Fit-tixbiha ngħidu li A qisu B, filwaqt li fil-metafora ngħidu A hija B. G.Esnault kiteb dwar id-differenza bejn dawn iż-żewġ figuri tat-taħdit l-aktar minħabba l-intensità u l-qawwa espressiva li jinsabu fil-metafora. Id-definizzjoni tiegħu ta' metafora hi ta' paragun ikkondensat li bis-saħħa tiegħu l-moħħ jafferma identità intuwittiva u konkreta.

L-istess idea jfissirha S. Ullmann fi *Stil u Lingwaġġ* meta qal li d-differenza bejn tixbiha u metafora tinsab bejn xbihat espliċiti u xbihat impliċiti jiġifieri bejn xbihat li jagħmlu analoġija (tixbiha) u xbihat li jidentifikaw ħaġa ma' oħra (metafora). Ullmann ikompli jgħid li hi ħaġa ħafifa li tiddistingwi bejn dawn iż-żewġ tipi. Il-parti delikata hi meta tiġi biex tiddeċiedi kif il-kritiku jeħodhom in konsiderazzjoni. Minħabba din id-differenza fl-intensità ċerti awturi jippreferu jużaw il-waħda mill-oħra. Il-kittieb Franċiż Jean Giono ipprefera juża t-tixbiha minħabba li hi aktar ċara filwaqt li oħrajn bħal Mallarme jippreferu l-metafora għax fi kliem Mallarme stess huwa jwarrab il-kelma kif tidher fid-dizzjunarju. V. Hugo wkoll mexa fuq din l-idea. Mill-banda l-oħra minħabba li l-metafora u t-tixbiha jgħinu lil xulxin, xi poeti jinqdew bit-tnejn billi qegħduhom waħda ħdejn l-oħra, jew billi iħallu lil waħda tħaddem lill-oħra. Il-metafora tissikka t-tixbiha ta' ġo fiha u għalhekk l-analoġija toħroġ b'tali mod li l-*Ground* jew il-*Lewn* ma jidhirx miktub.

Il-*mitonimija* u *sineddoke* joħorġu wkoll mill-bini tal-metafora. J.R. Searle jgħid li l-metafora sseħħ meta l-kittieb jgħid 'S hi P' u jrid ifisser 'S hi R'. Għalhekk P u R jista' jkollhom rapport bejniethom ta' parti li qiegħda tirrappreżenta xi ħaġa sħiħa jew ta' reċipjent u dak ta' ġo fih, jew ta' effett flok il-kawża, jew ta' żmien minflok in-nies li kienu jgħixu fih u wkoll ta'

ilbies u dak li jilbsu; dan kollu nistgħu niġbruh fil-figura tat-taħdit li tissejjaħ *mitonimija*. Għalhekk il-mitonimja hi forma ta' metafora wkoll. F'kull każ li semmejt il-kontenut semantiku ta' P iwassal il-kontenut semantiku ta' R b'xi prinċipju ta' assoċjazzjoni. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għas-sineddoke. It-tnejn huma 'każi speċjali' kif isejħilhom Searle 'tal-metafora'. Meta xi ħadd ikun qiegħed jitkellem fuq 'il-kuruna', is-semmiegħ irid jifhem li qiegħed jirreferi għar-reġina. F'din il-mitonimija l-*vehicle* jew il-*mera* biss hi ppreżentata. Jekk nieħdu l-vers ta' Dun Karm:

*Għaddew sitta u ħamsin xtiewi minn fuqi*

naraw li l-partijiet tas-sena (xtiewi) qegħdin flok snin sħaħ. Bis-saħħa tas-sineddoke l-istaġun qalil irid ifisser sena ta' tbatija.

Fil-każ ta' l-*ironija* t-tifsira tal-kelliem u t-tifsira tas-sentenza huma differenti, anzi huma l-kontra ta' xulxin. Liema huma l-prinċipji li jgħinu lis-semmiegħ jifhem il-kontra ta' dak li sema'? Għall-ironija, bħall-metafora, tgħid ħaġa meta trid tfisser oħra. Il-mekkaniżmu li bih taħdem l-ironija huwa li t-tlissina (Searle isejħilha *'utterance'*) jekk tittieħed litteralment, tinħass barra minn postha fis-sitwazzjoni li tingħad. B'hekk din is-sitwazzjoni, minħabba li tkun ovvja, iġġiegħel lis-semmiegħ jerġa' jinterpreta t-tlissina b'mod u manjiera li ma tibqax tinħass barra minn postha iżda ssir addattata għas-sitwazzjoni u bl-akbar mod naturali hu jinterpretaha l-kontra tal-forma litterali. Jekk nieħdu sitwazzjoni sempliċi fejn tingħad tlissina ironika, malajr naraw dan il-kunċett ta' ri-interpretazzjoni. Nagħmlu mod li tifel għadu kif kisser vażun iqum il-flus u ommu tgħidlu: 'Prosit, x'biċċa xogħol għamilt!' Hawnhekk, bħal fil-metafora, it-tifsira tal-kelliem hi differenti mit-tifsira tas-sentenza. Għalhekk il-kelliem jgħaddi mill-proċess li semmejt hawn fuq. Bħall-metafora, l-ironija m'għandha bżonn l-ebda konvinżjonijiet extra-lingwistiċi jew oħrajn. Biżżejjed il-prinċipji tat-taħdit u r-regoli ġenerali tiegħu.

Teżisti differenza wkoll bejn l-ironija u l-metafora fuq naħa, u l-atti tat-taħdit indirett fuq in-naħa l-oħra. Jekk waqt l-ikel ngħidlek: 'Tista' tgħaddili l-melħ?' inti tifhimha li hi mistoqsija dwar ħiltek biex tagħmel azzjoni. Fil-fatt inti tifhimha bħallikieku għedtlek: 'Għaddili l-melħ jekk jogħġbok' u għalhekk tgħaddili l-melħ. Fl-atti tat-taħdit indirett il-kelliem ifisser dak li jgħid, iżda barra dan ifisser ukoll affarijiet oħra. It-tifsira tas-sentenza hija biss parti mit-tifsira tat-tlissina. Il-mekkaniżmu ta' dan jaħdem hekk: l-ewwel is-semmiegħ irid jintebaħ li t-tlissina hija att tat-taħdit indirett billi fil-kuntest il-mistoqsija dwar is-semmiegħ tinħass li hija barra mill-konversazzjoni ta' dak il-ħin. Għalhekk is-semmiegħ jara li hemm bżonn ta' tifsira alternattiva. Imbagħad billi s-semmiegħ jaf ir-regoli tat-taħdit, jaf li l-ħila biex jgħaddi l-melħ hija kundizzjoni preparatorja għall-att tat-taħdit li jmiss wara. Għalhekk jasal għall-konklużjoni li l-mistoqsija dwar ħiltu hija talba bil-pulit biex jagħmel l-azzjoni.

Searle ifisser id-differenza bejn dawn il-figuri tat-taħdit permezz ta' tpinġija. Fit-tlissina *litterali* ma hemmx differenza bejn it-tifsir tas-sentenza u dak tat-tlissina



P R = P=R.

Fit-tlissina *metaforika*, it-tifsira metaforika naslu għaliha billi qabel ngħaddu minn dik litterali. Hawnhekk il-kelliem jista' jasal għal numru indefinit ta' tifsir jew għal tifsira waħda biss




P = R1 jew R2 jew R3 jew R4. Fit-tlissina *ironika* l-kelliem ifisser il-kontra ta' dak li qiegħed jgħid. Għalhekk is-semmiegħ biex jasal għat-tifsira tat-tlissina jrid jgħaddi mit-tifsira tas-sentenza biex b'hekk ikun jista' jmur lura għall-kontra tagħha.




R= il-kontra ta' P. Fl-aħħarnett il-kelliem ta' att tat-taħdit indirett ifisser dak li jgħid flimkien ma' xi ħaġa oħra.




P inkluża f'R iżda P=R. Għalhekk it-tifsira tat-tlissina għalkemm tinkludi t-tifsira tas-sentenza toħroġ 'il barra minnha.

Il-qawwa espressiva li tinsab fil-metafori tajbin, mela, ġejja minn żewġ fatturi: 1) is-semmiegħ irid jintebaħ b'dak li jrid ifisser il-kelliem u 2) jrid jagħmel dan billi jmur fuq kontenut semantiku ieħor minn dak li huwa kkomunikat. Hekk ried ifisser Dr Johnson meta qal li l-metafora tesprimi żewġ ideat f'waħda. Din il-qawwa espressiva tinsab fil-fatt li l-binja tal-metafora u t-tlaqqigħ flimkien ta' ċertu kliem u espressjonijiet m'humiex komuni u għalhekk imorru kontra d-drawwiet mentali tagħna għax minflok nittraduċu l-esperjenza astratta f'termini konkreti kif soltu nagħmlu, naħdmu l-oppost u l-oġġetti konkreti ma nħalluhomx materjali u nġibuhom jixbhu fenomeni astratti.

Josette Attard, B.Ed.., B.A., teaches Maltese at the G.F. Abela Upper Lyceum, Msida.